**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum 17 ta' Lulju 2024

Kawża Nru 566/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit**
**(Spettur Colin Sheldon)**

Vs

**Edwin Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Edwin Schembri** ta' tlieta u ħamsin (53) sena, iben John u Jane Baptist xebba Mallia, imwieled Pieta nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 1970 u residenti fil-fond 53, Bello, Flat 1, Triq Filippu Farrugia, Zurrieq detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 438870(M):

- talli nhar il-ħmistax (15) ta’ Lulju 2024 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta’ qabel b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b’rizoluzzjoni waħda, f’diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin:

(1) bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Rita Schembri (konjuga tiegħu) u Caroline Calleja (persuna li tgħix fl-istess dar mal-akkużat) biża’ li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta tagħhom jew kontra l-persuna jew propjeta ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna din il-biża, u/jew twettaq bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur ta’ artikoli 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta’ Malta;

(2) ħebb kontra l-persuna ta’ Rita Schembri sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm – il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa’ taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta’ artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali;

(3) ħebb kontra l-persuna ta’ Caroline Calleja sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm – il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa’ taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta’ artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali;

(4) għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Rita Schembri u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodici Kriminali;

(5) għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Caroline Calleja u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali;

- u aktar talli nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju 2024 u fil-ġranet ta' qabel f'ħinijiet differenti, ġewwa 53, Bello, Flat 1, Triq Filippu Farrugia u/jew f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin.

(6) minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja Rita Schembri (konjuga tiegħu) u Caroline Calleja (persuna li tghix fl-istess dar mal-akkużat) f'periklu ċar, kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Rita Schembri u Caroline Calleja u ċioe ferita ta' natura ħafifa kif ċertifikat minn Dr Ritianne Buhagiar (Med Reg 4694) u dan bi ksur ta' artikli 214; 221; 222(1)(a); u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali;

- u aktar talli nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju 2024 għall-ħabta tal-għaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) ġewwa 53, Bello, Flat 1, Triq Filippu Farrugia u/jew f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin.

(7) minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Rita Schembri (konjuga tiegħu) u Caroline Calleja (persuna li tgħix fl-istess dar mal-akkużat) f'periklu car, kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Rita Schembri u Caroline Calleja u ċioe ferita ta' natura ħafifa kif ċertifikat minn Dr Lara Gerada (Med Reg 3011) u dan bi ksur ta' artikli 214; 221; 222(1)(a); u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Edwin Schembri għall-benefiċċju ta' Rita Schembri u Caroline Calleja u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq toħroġ ordni ta' trattament u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Rita Schembri u Caroline Calleja, dan u f'kaz ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjali Prosekuturi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali mogħti illum stess sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: l-akkużat huwa miżżewweġ lil Rita Schembri u t-tnejn kienu jirrisjedu fid-dar matrimonjali fiż-Żurrieq. Magħhom tgħix wkoll Caroline Calleja, li hija bint Rita Schembri iżda l-

akkużat ma jiġix missierha. L-akkużat għandu problema tax-xorb u meta jkun taħt l-effett tax-xorb mhux l-ewwel darba li jispiċċa f'argumenti ma' martu u ma' bint martu. Fis-sebgħa (7) ta' Lulju 2024, l-argumenti wasslu anke sabiex ġew kaġunati feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Rita Schembri u Caroline Calleja. Is-sitwazzjoni kompliet teskala sakemm reġa' kien hemm inċidenti oħra fil-ħmistax (15) ta' Lulju 2024 fejn għal darba oħra l-akkużat kien aggressiv fil-konfront ta' martu u bintha u ikkaġunalhom wkoll feriti ta' natura ħafifa. Il-vittmi intavolaw diversi rapporti mal-Pulizija in konnessjoni ma' dan kollu. Wara li l-Pulizija ottnew mandat ta' arrest huma ipproċedew għall-arrest tal-akkużat u ressquh il-Qorti fejn akkużawh bir-reati indikati.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-akkużat:

(a) ammetta l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri, preċiżament mal-ewwel opportunita li huwa kellu;

(b) huwa għandu bżonn l-għajnuna minħabba problema tax-xorb li qiegħed ibati minnha.

In vista ta' tali ċirkustanzi u ċirkostanzi oħra indikati mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża waqt it-trattazzjoni tagħhom fuq il-piena, il-Qorti ma tqisx li piena karċerarja effettiva hija idonea u tqis li l-ħati għandu jingħata l-għajnuna kollha possibbli fi sforz sabiex huwa joħroġ mill-vizzju tax-xorb, liema vizzju jidher li huwa l-problema li wassal sabiex l-akkużat jkun aggressiv fil-konfront ta' martu u fil-konfront ta' bint martu. Huwa għalhekk li l-Qorti sejra tqiegħed lill-akkużat taħt ordni ta' probation kif wkoll sejra tagħmel ordni ta' trattament sabiex l-akkużat jkollu l-għajnuna kollha li huwa għandu bżonn. Dan fi sforz sabiex huwa jkun jista' jirriforma ruħu. Dan apparti li hija sejra wkoll toħroġ ordni ta' trażżin biex tipprovdi għas-sigura ta' martu u bint martu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 214, 221, 222(1)(a), 251B(1), 251B(2), 251H, 251HA, 202(h), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

In kwantu għall-piena li għanda tiġi inflitta – tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif elaborati u spjegati aktar 'l fuq f'din is-sentenza – il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-

artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' *probation*.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati Edwin Schembri taħt Ordni ta' *Probation* għal **perjodu ta' tliet snin** mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess Edwin Schembri jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Edwin Schembri bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati iddikjara li jaqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-

Servizzi ta' *Probation u Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Edwin Schembri.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Edwin Schembri u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet relatati mal-vizzju tax-xorb, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perjodu ta' tlett (3) snin</u>** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Finalment wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittmi Rita

Schembri u Caroline Calleja. L-ordni qed tiġi magħmula **<u>għal żmien tlett (3) snin mil-lum</u>** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni ta' trażżin.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**